

Il-Ġurnal Uffiċjali C 102 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

5 ta' April 2012

Avviż Nru

Werrej

Pagħna

II Komunikazzjonijiet

FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

2012/C 102/01

Protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew 1

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kumitat tar-Reġjuni

2012/C 102/02

Protokoll dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni 6

III Atti preparatorji

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 102/03

Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni 11



Prezz:
EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

2012/C 102/04	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	12
2012/C 102/05	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	18
2012/C 102/06	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	23
2012/C 102/07	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	24
2012/C 102/08	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	27

IV Informazzjoni**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA****Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 102/09	Rata tal-kambju tal-euro	28
2012/C 102/10	Il-publikazzjoni ahharja tad-dokumenti COM hlied għal proposti leġiżlattivi u proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni ĠU C 37, 10.2.2012	29
2012/C 102/11	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	30
2012/C 102/12	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	34
2012/C 102/13	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	36
2012/C 102/14	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	37



II

(Komunikazzjonijiet)

FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2012/C 102/01)

PREAMBOLU

Il-Kummissjoni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") iqisu li huwa fl-interess komuni tagħhom li jsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom permezz tal-implementazzjoni ta' dan il-Protokoll li jipprovdni arranġamenti għal kooperazzjoni aktar mill-qrib, li jissostitwixxu l-arranġamenti previsti fil-Protokoll tas-7 ta' Novembru 2005 u l-Addendum għalih tal-31 ta' Mejju 2007.

Dawn l-arranġamenti jagħmlu parti mill-ħolqien ta' ambjent li jwassal għal involviment akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan l-ambjent iwassal ukoll għall-iż-żgħiġi iż-żgħiġi ta' djalogu strutturat kontinwu bejn dawn l-organizzazzjoni u l-istituzzjoni tal-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 11(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Bis-saħħa tar-rwol mogħti lilu mit-Trattati, il-Kumitat għandu responsabbiltà partikolari biex jikkontribwixxi għat-tishħiħ tal-leġġitimità demokratika u l-effikaċċja tal-istituzzjoni u l-politiki tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Kumitat, bħala intermedjarju privileġġat bejn l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjoni tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 13, għandu rwol ewljeni x'jaqd fl-implementazzjoni minn dawn l-istituzzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 11 tat-TUE.

Il-Kummissjoni tikkoopera mal-Kumitat għall-ksib tat-tliet missjonijiet fundamentali tiegħu kif identifikat fl-Istqarrija tal-Missjoni tal-Kumitat:

- l-għoti ta' pariri lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u fl-interess ġenerali tal-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha;
- il-promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp ta' Unjoni Ewropea aktar parteċipattiva u inklużiva li tkun eqreb iċ-ċittadini tagħha;
- l-akkumpanjament tad-dimensjoni esterna tal-azzjoni tal-Unjoni billi jiġi żviluppat djalogu mal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u billi jissahħħah ir-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata u d-demokrazija parteċipattiva.

Il-Kummissjoni tappoġġja t-tisħiħ tar-rwol konsultattiv tal-Kumitat, kemm iżjed 'il fuq kif ukoll iżjed 'l ifsel fil-katina tal-proċess legislativ u tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Il-Kumitat jista' jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod partikolari b'rabta mal-klawżoli orizzontali, kif previst fl-Artikoli 8 sa 12 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-Kummissjoni u l-Kumitat jikkooperaw fl-iżvilupp ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-Unjoni bil-għan li jsaħħu l-leggħiġġità demokratika tagħha.

Il-Kummissjoni tqis din il-kooperazzjoni bħala għodda privileġġata għall-organizzazzjoni ta' djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċċazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili kif stipulat fl-Artikolu 11 tat-TUE.

Il-Kummissjoni tappoġġja l-inizjattivi tal-Kumitat għall-promozzjoni u l-istrutturar ta' djalogu u ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea u għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet man-netwerk ta' Kunsilli Ekonomiċi u Soċjal u Istituzzjonijiet Simili fl-Istati Membri, bil-għan li l-Kumitat ikun jista' jwassal biss-hi l-istennnijiet u l-aspirazzjoni jiet tas-soċjetà ċivili organizzata.

I. RELAZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U AMMINISTRATTIVI

1. Fl-ewwel sitt xħur ta' kull sena, il-Kumitat ser iħabar il-prioritajiet politiċi ewlenin tiegħi fir-rigward tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

Għandha tīgi organizzata laqgħa bejn il-President tal-Kummissjoni u/jew il-Viċi President responsabbli għar-relażżonijiet mal-Kumitat u l-President tal-Kumitat tal-anqas darba fis-sena matul it-thejjiji tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni biex jiġu analizzati kwistjonijiet ta' interess komuni.

Kull sena, il-Kumitat jorganizza dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea li matulu l-President tal-Kummissjoni jew il-Viċi President responsabbli għar-relażżonijiet mal-Kumitat jippreżenta l-prioritajiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea għas-sena ta' wara.

2. Il-President tal-Kummissjoni għandu jippreżenta l-objettivi strateġiċi tiegħi jew tagħha quddiem l-Assemblea Plenarja fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jikkooperaw bil-għan li jikkontribwixxu b'mod effettiv għal tfassil aħjar tal-ligħiġiet.

4. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kumitat, b'mod partikolari fil-kuntest tas-sessjonijiet plenarji, bil-għan li jiddiskutu l-linji gwida strateġiċi fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom u kwalunkwe kwistjoni oħra determinata minn qabel permezz ta' ftehim komuni. Barra minn hekk, il-membri tal-Kummissjoni jistgħu jitkolli matul l-Assemblea Plenarja.

Il-membri tal-Kummissjoni jew, fċirkostanzi eċċeżżjonal, uffiċjali għolja jistgħu jitkolli matul l-Assemblea Plenarja tal-Bureau tal-Kumitat dwar inizjattivi tal-Kummissjoni.

Kull sena tīgi organizzata laqgħa bejn il-presidenti tas-sezzjonijiet speċjalizzati u l-membru(i) korrispondenti tal-Kummissjoni biex jiġu eżaminati l-prioritajiet u l-programmi ta' ħidma rispettivi tagħhom.

5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni huma involuti fil-ħidma tal-Kumitat dwar id-dossiers li huma responsabbli għalihom u kemm jista' jkun għandhom jattendu l-laqqhat li jiġi mistiedna għalihom. Huma jippreżentaw il-proposti tal-Kummissjoni u kwalunkwe dokument ieħor li jiġi eżaminat u jipprovd informazzjoni dwar l-iżvilupp tad-dossiers.

Huma jikkooperaw mill-qrib mal-kontrapartijiet tagħhom mill-Kumitat dwar id-dossiers li għalihom huma responsabbli..

6. Il-koordinaturi jew il-persuni responsabbli maħtura minn kull dipartiment tal-Kummissjoni u s-segretarjati tas-sezzjonijiet speċjalizzati tal-Kumitat, b'mod partikolari, għandhom jaqsmu l-informazzjoni b'mod regolari, speċjalment fil-kuntest tal-ippjanar tad-DG u l-implementazzjoni tal-prioritajiet ta' ħidma tas-sezzjonijiet.

Il-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mas-Segretarjat tal-Kumitat tal-anqas darba fis-sena biex jaqsmu l-informazzjoni dwar l-attivitàew ewlenin jew l-inizjattivi ta' interess komuni meħħuda jew ippjanati mill-Kummissjoni jew mill-Kumitat.

II. FUNZJONI KONSULTATTIVA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

7. Fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-prioritajiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Kumitat, is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni jibġħat lill-Kumitat lista ta' proposti li dwarhom hija prevista konsultazzjoni fakultattiva. Din il-lista tinkiġi wkoll dokumenti ta' natura mhux leġiżlattiva li dwarhom il-Kummissjoni beħsiebha titlob l-opinjoni tal-Kumitat.

Fil-kuntest tal-ippjanar tagħha, il-Kummissjoni tikkonferma l-konsultazzjonijiet fakultattivi flimkien mal-“programm kontinwu” tagħha qabel il-laqgħat tal-Bureau tal-Kumitat.

Il-Kumitat jagħmel ħiltu biex jikkunsidra l-prioritajiet u l-iskadenzi tal-Kummissjoni huwa u jorganizza l-ħidma tiegħu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Kumitat informazzjoni preċiża dwar l-iskedar tal-proposti tagħha.

8. B'rispett dovut għat-Trattati, huwa importanti li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kumitat ikunu aktar selettivi.

Għalhekk, il-Kummissjoni tibbażza d-deċiżjoni tagħha fuq konsultazzjoni fakultattiva b'mod partikolari fuq il-kriterji li ġejjin:

- is-suġġett għandu jkun ta' interess ġenerali u jikkonċerna qasam fejn l-opinjoni tal-Kumitat tipprovdi valur miżjud fil-kuntest tat-tfassil tal-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Unjoni;
- dan il-pass huwa intiż biex jitniedu diskussjonijiet dwar jekk hux opportun li tittieħed azzjoni mill-Unjoni f'qasam partikolari jew rigward suġġett partikolari.

Il-Kumitat ikompli jaħdem biex jarmonizza l-ħidma tiegħu bil-għan li jiffoka fuq dawk l-opinjonijiet li wisq probabbli jipprovd l-ikbar valur miżjud reali fit-tfassil tal-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Unjoni.

9. Bħala parti mill-proċess tat-tfassil tal-politiki tal-Unjoni u l-ippjanar tal-ħidma tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Kumitat ifassal opinjonijiet esploratorji f'oqsma ta' importanza partikolari għas-soċjetà ċivili organizzata, fejn tikkunsidra li l-Kumitat għandu l-kompetenza u l-gharfiens espert biex jagħmel dan. Dawn it-talbiet jiġu kkomunikati lill-Kumitat mill-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbi għar-relazzjonijiet mal-Kumitat, flimkien ma' indikazzjonijiet preċiżi tas-suġġett u l-iskadenza, jekk applikabbli, għat-tfassil tal-opinjoni.

Il-Kummissjoni u l-Kumitat jagħmlu ħilithom biex jinkludu dawn it-talbiet għal opinjonijiet esploratorji f'approċċ integrat fejn l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jiġi kkunsidrat bl-iż-żejjed mod wiesa' possibbli.

Il-Kummissjoni tipprovdi monitoraġġ adatt biex jiġi valutat il-valur ta' dawn l-opinjonijiet fit-tfassil tal-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Unjoni.

10. Il-Kummissjoni tibgħat lill-Kumitat id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq il-funzjoni konsultattiva tiegħu fl-istess waqt li tibgħathom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

11. Bil-għan li l-opinjonijiet tiegħu jkunu jistgħu jiġi segwiti aħjar, il-Kumitat b'mod partikolari għandu:

- jenfasizza l-bidliet spċifici li jixtieq jagħmel fil-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni; u
- jiġbor fil-qosor ir-rakkmandazzjonijiet u l-proposti ewlenin tiegħu.

12. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jirrikonox Xu l-valur tas-segwitu tal-opinjonijiet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, b'mod sistematiku, tagħti raġunijiet għala għandu jingħata segwitu jew le lill-proposti għal-bidliet u s-suġġerimenti sostantivi fl-opinjonijiet tal-Kumitat.

Għall-opinjonijiet esploratorji, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tipprovd segwitu politiku, inkluż, fejn possibbli, informazzjoni minn membru kompetenti tal-Kummissjoni matul is-sessjoni plenarja ta' wara sessjoni li matulha tkun għiet adottata l-opinjoni kkonċernata.

Il-proposti għal bidliet f'dokumenti leġislativi, meta jiġu aċċettati mill-Kummissjoni, għandhom jiġu inkorporati mill-Kummissjoni kemm jista' jkun fil-proposti emendati tagħha.

Jekk il-Kummissjoni timmodifika sostanzjalment il-proposta tagħha wara l-konsultazzjoni inizjali tal-Kunitat u fejn it-Trattati jiipprevedu konsultazzjoni obbligatorja, għandha tiżgura li l-Kunitat jerġa' jiġi kkonsultat.

III. IL-KUNITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U S-SOĊJETÀ ĊIVILI ORGANIZZATA

13. Il-Kunitat għandu responsabbiltà partikolari biex jagħti ħajja lid-demokrazija parteċipattiva u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jagħti lill-Kunitat ambitu addizzjonali biex jaqdi r-rwl tiegħu ta' intermedjarju privileġġat fid-djalogu bejn is-soċjetà ċivili organizzata u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Fid-dawl tal-Artikolu 11 tat-TUE, il-Kummissjoni u l-Kunitat jikkoperaw biex isāħħu l-parteċipazzjoni u d-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, u biex dawn l-organizzazzjonijiet jiġu involuti aktar fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-thejjja tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni u l-Kunitat flimkien jippromovu djalogu strutturat bejn l-organizzazzjonijiet u n-netwerks tas-soċjetà ċivili Ewropea u bejnietħom u l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Kuntatt li stabbilixxa l-Kunitat.

Rigward il-politika ta' konsultazzjoni tagħha, kull fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni tibbażza ruħha fuq l-appoġġ tal-Kunitat b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ tar-relazzjoni tagħha mas-soċjetà ċivili organizzata, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha. F'dan il-kuntest, il-Kunitat jappoġġja l-Kummissjoni billi jorganizza seduti, seminars u konferenzi konġunti mal-partijiet interessati kkonċernati dwar kwis-tjoni politiċi speċifiċi ta' interess komuni u fejn għandu l-kompetenza u l-għarfien espert adatt.

14. Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rieda tal-Kunitat biex jgħin fl-implementazzjoni tad-dritt ta' inizjattiva taċ-ċittadini.

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jistipula li matul il-perjodu ta' tliet xhur meta l-Kummissjoni tirrifletti dwar inizjattiva taċ-ċittadini li għamlet suċċess, l-organizzaturi tal-inizjattiva għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentawha fi smiġi pubbliku li għandu jiġi organizzat b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew "jekk ikun xieraq flimkien ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni li juru x-xewqa li jipparteċipaw". F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni beħsiebha tissuġġerixxi lill-Parlament Ewropew li, kull fejn ikun xieraq, il-Kunitat jiġi mistieden jattendi smiġi pubbliku ta' din ix-xorta.

Il-Kummissjoni tagħraf li, fi kwalunkwe mument, il-Kunitat jista' jkollu x-xewqa joħroġ opinjoni f'oqsma fejn jaħseb li għandu l-kompetenzi u l-għarfien espert xierqa u jista' jipprovd valur miżjud.

15. Il-Kunitat, bħala parti mill-funzjoni konsultattiva tiegħu, jorganizza konsultazzjoni strutturata mas-soċjetà ċivili organizzata, fil-forma ta' seduti, seminars jew konferenzi, bil-għan li jiġbor bl-iżżejjed mod mifrux possibbli l-fehmiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkonċernati.

Il-Kummissjoni hija lesta tikkoopera fl-organizzazzjoni u l-implementazzjoni ta' dawn il-konsultazzjonijiet bl-aktar mod xieraq, anke billi toffri appoġġ loġistiku u/jew finanzjarju.

16. Il-Kummissjoni u l-Kunitat ser ikomplu jsaħħu s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet u l-inizjattivi tagħhom fl-oqsma ta' politika li jikkonċernaw l-aktar lis-soċjetà ċivili organizzata, b'mod partikolari l-Istratèġija Ewropa 2020, inklużi l-iżvilupp sostenibbi u t-tibdil fil-klima, it-tisħiħ tas-Suq Intern, il-għiedha kontra l-faqar u l-eskużjoni soċjali, l-immigrazzjoni u l-provvista tal-enerġija.

Kull sena, il-Kunitat jippreżenta rapport li jivvaluta, bil-kooperazzjoni mill-qrib tan-netwerk tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili fil-livell nazzjonali, l-involvement tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. Dan ir-rapport jiġi diskuss fis-sessjoni plenarja qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

Il-Kunitat ser jistieden lill-membru responsabbli mill-Kummissjoni biex jipparteċipa fid-dibattitu u jippreżenta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir.

17. Il-Kummissjoni u l-Kunitat għandhom irawmu sens ta' sjeda tal-politiki tal-Unjoni fost iċ-ċittadini. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kunitat li jimpenna ruħu biex jinvolvi lin-netwerk ta' Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili fil-livell nazzjonali.

18. Il-Kumitat jikkontribwixxi għall-proċess tal-valutazzjoni tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari b'rabta mal-klawżoli orizzontali, kif previst fl-Artikoli 8 sa 12 tat-TFUE.

19. Il-Kumitat għandu l-għan li jappoġġja d-dimensjoni esterna tal-azzjoni tal-Unjoni billi jorganizza djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni li magħhom l-Unjoni għandha relazzjonijiet strutturati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tappoġġja l-inizjattivi tal-Kumitat għat-tishħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata lil hinn mill-Unjoni u għall-promozzjoni ta' kultura ta' djalogu u konsultazzjoni u strutturi assoċjati ma' proċess bħal dan.

Il-Kumitat u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien biex jippromovu l-ħolqien u jiżguraw il-ġestjoni ta' mekkaniżmi konġunti tas-soċjetà ċivili għall-monitoraġġ tal-implementazzjoni ta' Ftehimet ta' Kummerċ.

IV. NIKKOMUNIKAW L-EWROPA FI SĦUBIJA

20. L-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija responsabbiltà kondiċiżiā tal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej kollha. Informazzjoni u komunikazzjoni effettivi mill-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkunsidrati primarjament bħala kompitu ta' servizz pubbliku, biex iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw bis-shiħiħ fid-dibattitu Ewropew u l-proċess demokratiku tat-tfassil tad-deċiżjonijiet u l-politiki tal-Unjoni.

21. Il-Kummissjoni u l-Kumitat huma tal-fehma li huwa fl-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha li jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u li jikkooperaw mill-qrib għal dan il-għan.

22. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqblu dwar il-bżonn li jintegraw il-komunikazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, fid-dawl tal-kompożizzjoni tiegħu u r-rwol allokat lilu mit-Trattati, il-Kumitat għandu rwol ewljeni x'jaqdi għall-ħolqien ta' żona pubblika Ewropea ta' djalogu u diskussjoni dwar dawk il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aktar iċ-ċittadini u li ser jiddeterminaw il-ġejjeni tal-proġetti Ewropew.

23. Il-Kummissjoni u l-Kumitat ser jaħdmu flimkien biex l-avvenimenti konġunti tagħhom jiġu koperti fil-mezzi tax-xandir permezz tal-pjattaformi u l-għodod ta' komunikazzjoni disponibbli. Fl-aktivitajiet pubbliċi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, il-Kummissjoni u l-Kumitat jenfasizzaw ir-rwoli rispettivi tagħhom.

24. Il-Kummissjoni u l-Kumitat ser jaġġornaw u jaqsmu l-listi tagħhom ta' persuni ta' kuntatt ufficijali fil-livell tal-kwartieri ġenerali u fl-Istati Membri, b'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u persuna ta' kuntatt tal-Kumitat għal kull Stat Membru ser jinfurmaw lil xulxin dwar il-pjani ta' komunikazzjoni tagħhom u ser jaħdmu flimkien biex jipparteċipaw, kull fejn xieraq, fl-avvenimenti li jorganizzaw. Intlaħaq sfehim li l-faċilitajiet tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri ser ikunu disponibbli għall-inizjattivi tal-Kumitat fejn dan ikun adatt u possibbli mil-lat loġistiku. Jista' jkun hemm bżonn li, fejn ikun xieraq, jiġu konsultati l-Uffiċċi ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew.

25. Il-Kumitat, flimkien mal-membri u l-organizzazzjonijiet imsieħba tiegħu u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili fil-livell nazzjonali, jikkostitwixxi netwerk ta' informazzjoni u komunikazzjoni ewljeni. Il-Kummissjoni ser tipparteċipa, kull fejn possibbli, fil-laqqhat organizzati mill-Kumitat mal-membri tiegħi, mal-membri tal-organizzazzjonijiet ospitanti, u l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili fil-livell nazzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni Ewropea

José Manuel BARROSO

Il-President

Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Staffan NILSSON

Il-President

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-KUMMITAT TAR-REĠJUNI

Protokoll dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni
(2012/C 102/02)

PREAMBOLU

Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) u l-Kumitat tar-Reġjuni (il-Kumitat),

- wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 305 sa 307 u 263 u l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità annessi mat-Trattati;
 - wara li kkunsidraw il-Protokoll dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni ffirmat fis-17 ta' Novembru 2005 u l-Addendum tiegħu ffirmat fil-5 ta' Ġunju 2007;
- A. billi t-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ id-dimensjoni territorjali tal-Unjoni Ewropea billi jirreferi għall-prinċipju tal-awtonomija lokali u reġjonali, billi jdaħħal l-għan tal-koeżjoni territorjali u billi jinkludi d-dimensjoni reġjonali u lokali fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- B. fejn it-Trattati jipprovd, il-konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni tkun obbligatorja għall-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill;
- C. billi l-approċċ tal-governanza f'diversi livelli huwa għoddha importanti għat-tfassil u l-implementazzjoni tal-politiki tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni jaqblu li:

I. KOOPERAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-PROĊEDURI U L-IPPJANAR LEĠIŻLATTIVI

i) Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni

1. Fl-ewwel semestru ta' sena partikolari, il-Kumitat ser jadotta riżoluzzjoni indirizzata lill-Kummissjoni li tispjega l-pożizzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għas-sena li ġejja. Din ir-riżoluzzjoni ser tkun ibbażata fuq il-prioritajiet politiċi u valutazzjoni tas-segwitu li jkun ingħata lill-opinjonijiet preċedenti tal-KtR.
2. Ser tiġi organizzata laqgħa darba fis-sena bejn il-President jew il-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Kumitat u l-President tal-Kummitat matul it-tħejjija tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni sabiex tiġi valutata l-applikazzjoni, b'mod partikolari l-impatt tal-opinjonijiet tal-Kumitat.
3. Il-President jew il-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Kumitat kull sena jippreżenta lill-Kumitat il-prioritajiet strateġiċi għas-sena ta' wara. Għal dan il-għan, il-Kumitat ser jorganizza dibattitu dwar il-futur tal-Unjoni.

Il-Kumitat jikkunsidra l-prioritajiet u l-iskadenzi tal-Kummissjoni huwa u jistabbilixxi l-prioritajiet ta' politika annwali u fl-organizzazzjoni ta' xogħlu.

4. Tista' tiġi organizzata laqgħa annwali bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Kumitat sabiex jiġu valutati l-inizjattivi tal-Kummissjoni ta' nofs it-term fejn il-Kumitat jista' jagħmel kontribut sostanzjali u jimmonitorja l-implementazzjoni tagħhom.

ii) Proċeduri matul il-proċess leġiżlattiv

L-iskambju tal-informazzjoni u l-preżenza tal-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Kumitat

5. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqsmu flimkien kwalunkwe dokumentazzjoni u informazzjoni neċċessarji mill-iktar fis possibbli.

6. Il-Membri tal-Kummissjoni ser jiġu mistiedna mill-President tal-Kumitat biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-Kumitat, b'mod partikolari fis-Sessjonijiet Plenarji u l-laqgħat tal-Bureau, kif ukoll fattivitàajiet speċjali organizzati bi ftehim konġunt. Membru tal-Kummissjoni jkollu d-dritt li jitkellem matul is-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat meta jkun qed isir dibattitu dwar proposti leġiżlattivi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

7. Fċirkostanzi eċċeżzjonalni uffiċjali għoljin tal-Kummissjoni jistgħu jittkellmu matul Bureau tal-Kumitat. L-uffiċjali tal-Kummissjoni inkarigati mid-dossiers li l-Kumitat ikun qed jeżamina ser jieħdu sehem kemm jista' jkun fil-laqgħat tal-kummissjoni jkollu d-dritt li jitkellem matul is-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat meta jieħdu nota tal-pożizzjonijiet tal-membri tal-Kumitat.

Listo ta' konsultazzjonijiet

8. Fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni ser iressaq lill-Kumitat lista ta' proposti għal konsultazzjoni obbligatorja, flimkien ma' proposti għal konsultazzjoni fakultattiva potenzjali, inklużi l-opinjonijiet ta' prospettiva. Din il-lista tista' tinkludi wkoll dokumenti ta' natura mhux leġislattiva li dwarhom il-Kummissjoni tkun beħsiebha titlob l-opinjoni tal-Kumitat u l-proposti għall-kollaborazzjoni fil-qasam tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Konsultazzjonijiet fakultattivi

9. Konsultazzjoni fakultattiva tista' tiġi prevista jekk japplika mill-inqas wieħed minn dawn il-kriterji:

- il-kwistjoni konċernata tkun relatata mal-kompeti regolatorji jew eżekuttivi tal-awtoritajiet devoluti: regionali, lokali jew intermedji;
- il-leġiżlazzjoni proġettata tal-Unjoni jew il-miżuri nazzjonali li ser ikollhom jiġu adottati għall-iskop tal-implementazzjoni tagħha x'aktarx ikollhom impatt dirett fuq il-baġits lokal iż-żejju reġionali u/jew it-tħaddim tal-amministrazzjoni reġionali jew lokal;
- il-miżura konċernata tal-Unjoni x'aktarx ikollha impatt fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- l-att leġislattiv futur ikollu sensittività partikolari fir-rigward tas-sussidjarjetà;
- il-miżuri proġettati jkunu relatati mal-infurmar tal-pubbliku Ewropew u s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-politiki tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma ta' kompetenza tal-Kumitat.

Opinjonijiet ta' prospettiva

10. Il-Kummissjoni bi pjaċir tilqa' rwol iktar proattiv għall-Kumitat permezz tal-opinjonijiet ta' prospettiva dwar il-politiki futuri tal-Unjoni qabel ma tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni u foqsma fejn il-Kumitat ikollu riżorsi ta' informazzjoni lokali adatti.

It-tali konsultazzjonijiet għandhom jiġu notifikati mill-Viċi President responsabbli għar-relazzjoni jiet mal-Kumitat. It-talbiet għall-opinjonijiet ta' prospettiva għandhom ikunu akkumpanjati minn mandat speċifiku u qafas ta' azzjoni koerenti li għandu jitfassal bi ftehim reċiproku. L-iskadenza għal tali konsultazzjoni ma tistax tkun inqas minn xahar mid-data li fiha l-President tal-Kumitat jirċievi t-tali notifika. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, kultant komplementat mill-Programm Kontinwu, għandu jkun l-għoddha prinċipali biex jiġu identifikati s-suġġetti għal dan it-tip ta' konsultazzjoni.

Is-segwitu politiku għall-opinjonijiet ta' prospettiva jista' jsir mill-attendenza ta' Membru tal-Kummissjoni għas-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat jew billi uffiċjali għoljin tal-Kummissjoni jattendu għal-laqgħat rilevanti tal-Kumitat.

Konsultazzjoni ġdida

11. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Kumitat joħroġ opinjoni ġdida dwar l-implikazzjoni jiet għall-awtoritajiet lokali u reġionali ta' riżultat li jkun ħiereġ mill-proċess leġiżlattiv.

Jekk il-Kummissjoni timmodifika l-proposta b'mod sostanzjali wara l-konsultazzjoni inizjali tal-Kumitat, u fejn it-Trattati jipprovdu għal konsultazzjoni obbligatorja, hija ser tiżgura li l-Kumitat jiġi konsultat mill-ġdid.

Segwitu tal-opinjonijiet

12. Fl-opinjonijiet tiegħu, il-Kumitat, kulfejn possibbli, ser jenfasizza l-emendi li jixtieq jissuġġerixxi għall-proposti leġislattivi bl-adozzjoni ta' emendi speċifiċi għat-testijiet tal-Kummissjoni. Il-Kumitat ser jinkludi wkoll sommarju ma' kull opinjoni.

13. Il-Kumitat, mill-iktar fis possibbli, ser jikkomunika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni l-minuti tal-laqqħat u s-Sessjonijiet Plenarji tal-Kumitat li l-kontenut tagħhom jista' jkun ta' interess speċifiku għall-Kummissjoni, b'mod partikolari meta jikkonċerna l-implementazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

14. Sabiex il-Kumitat ikun jista' joħroġ valutazzjonijiet ta' impatt regolari tal-ħidma tiegħu, is-servizzi tal-Kummissjoni, mill-inqas darbejn fis-sena, ser jipprovdu tweġibet sostantivi, li jispiegaw ir-raġunijiet kif ġew ikkunsidrati l-kummenti fl-opinjoni tal-Kumitat.

F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni twieġeb għat-tħassib dwar is-sussidjerjetà li l-Kumitat jesprimi fl-opinjonijiet tiegħu.

II. KOOPERAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ATTIVITAJIET

15. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqblu li jintensifikaw il-kollaborazzjoni tagħhom sabiex jiżdiedu s-sinerġi bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Istratēġija UE 2020, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u b'mod speċjali fl-implementazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali, interreġjonali u transnazzjonali.

Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

16. Il-Kummissjoni tagħraf ir-rwl privileġġat tal-Kumitat fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri.

17. Il-Kumitat, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ser jiżviluppa strateġija ġewwina għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'kunsiderazzjoni tal-prerogattivi ta' kull waħda minnhom, u b'konformità mal-proċess ta' konsultazzjoni li tkun minn isfel għal fuq kemm jista' jkun. Fuq din il-bażi, il-Kumitat għandu jixpruna djalogu territorjali fil-kuntest taċ-ċiklu l-ġdid ta' governanza tal-Istratēġija Ewropa 2020 qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

18. B'konformità mal-prinċipju ta' governanza soda, il-Kumitat għandu jaqdi rwol sħiħ ta' trażmissjoni fid-djalogu mal-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Kumitat ikun involut bis-sħiħ fit-tħejjija tal-laqgħat organizzati b'mod konġunt.

Djalogu strutturat mal-assoċjazzjonijiet

19. Il-Kummissjoni u l-Kumitat flimkien jorganizzaw id-djalogu strutturat mal-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għandu jiġi organizzat djalogu strutturat annwali bejn il-Kumitat u s-servizzi tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, sabiex jiġi diskuss il-programm ta' ħidma adottat tal-Kummissjoni. Matul is-sena, id-djalogi strutturati fil-preżenza tal-Membri tal-Kummissjoni responsabbli ser isiru fil-laqgħat tal-kummissjoni rilevanti tal-Kumitat, skont kif ikun meħtieġ.

Is-Semestru Ewropew

20. Darba fis-sena, il-Kumitat għandu jressaq rapport li jivvaluta l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Istratēġija Ewropa 2020 li ser jitqies mill-Kummissjoni hija u tfassal l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir. Il-Kumitat ser jistieden lill-Membri tal-Kummissjoni responsabbli biex jippreżenta l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir matul is-sessjoni plenarja.

Fid-dawl tal-Laqgħa tar-Rebbiegħa tal-Kunsill Ewropew, il-Kumitat ser jorganizza djalogu territorjali. Sabiex ihejj i dan id-djalogu, il-Kumitat ser jikkonsulta lin-netwerku Ewropa 2020 u jistabbilixxi rapport li ser jitressaq lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew.

Ir-Raggruppament Ewropew tal-Kooperazzjoni Territoriali

21. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Kumitat, beħsiebha tagħmel ir-Raggruppament Ewropew tal-Kooperazzjoni (REKT) iktar magħruf fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-servizzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-Kumitat, li qed jorganizza r-reġistru tar-REKT kollha, ser jiżgura li l-Kummissjoni tkun infurmata dwar ir-REKT il-għodda u li din l-informazzjoni tiġi ppubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tal-UE b'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006.

III. L-IMPLEMENTAZZJONI TAS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ U L-GOVERNANZA FDIVERSI LIVELLI

Assemblea magħmula minn rappreżenanti politiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

22. Il-Kummissjoni tagħraf ir-rwol privileġġat tal-Kumitat bħala assemblea magħmula minn rappreżenanti politiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni. Hija ser tikkoopera mill-qrib mal-Kumitat fl-implementazzjoni tal-Artikolu tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suSSIDjarjetà u l-proporzjonalità li jipprovi għall-konsultazzjonijiet prelegislattivi li jqisu d-dimensjoni reġjonali u lokali ta' azzjoni ppjanata.

23. Tul il-proċess leġislattiv, il-Kumitat jaġhti attenzjoni partikolari lill-konformità tal-proposti leġiżlattivi tal-UE mal-prinċipji tas-suSSIDjarjetà u l-proporzjonalità, li jqisu d-dispożizzjonijiet fis-seħħ u l-bidliet previsti. Għal dan il-għan, il-Kumitat ser juża n-Netwerk tal-Monitoraġġ tas-SuSSIDjarjetà u jaqsam ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u l-Kumitat ser jaħdmu flimkien biex isaħħu l-prinċipju tas-shubja permezz tal-governanza fdiversi livelli fil-politiki tal-Unjoni li għalihom il-konsultazzjoni tal-Kumitat hija obbligatorja.

Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqsmu l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tas-suSSIDjarjetà fuq bażi regolari b'mod partikolari fir-rigward tal-opinjonijiet rilevanti tal-Parlamenti nazzjonali u reġjonali. Jekk, matul proċedura leġiżlattiva, il-Kumitat iqajjem kwistjonijiet ta' tħassib sostanzjali rigward ir-rispett tal-prinċipju tas-suSSIDjarjetà, ser jinforma minnufihi lill-koleġislaturi.

Il-ħidma tal-Kumitat ser tiżviluppa bħala parti mill-isforz kollaborattiv mal-Kummissjoni biex tinħoloq kultura ta' suSSIDjarjetà. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqblu li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-livell li jkun l-eqreb taċ-ċittadin bl-iktar mezzi adatti u fejn jistgħu jilhqqu l-għan tagħhom bl-iktar mod effettiv. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaqblu li jidtentifikaw il-prioritajiet li jsejħu għal monitoraġġ speċifiku tas-suSSIDjarjetà u l-proporzjonalità.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jitħolbu l-appoġġ mill-Kumitat fit-thejjja tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha. Il-pjattaformi u n-netwerks tal-Kumitat jistgħu jipprovu punt ta' aċċess tajjeb għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u għalhekk jistgħu jippermettu lill-Kummissjoni biex issahħħa l-analiżi tal-aspetti lokali u reġjonali fil-valutazzjonijiet tal-impatt jekk jidher li jkun neċċasjarju. Il-Kumitat ser jiġbor fil-qosor l-aktivitajiet tiegħi fuq il-qasam frapport annwali li jintbagħha lill-Kummissjoni.

24. Il-Kumitat ser jipprovi l-Kummissjoni bir-Rapport Annwali tas-SuSSIDjarjetà bħala kontribut għar-rapport tal-Kummissjoni dwar “It-tfassil aħjar tal-liġiġiet”.

IV. ID-DIMENSIJONI ESTERNA TAL-UNJONI

25. Il-Kumitat ser jiżviluppa attivitajiet, b'mod partikolari fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-politiki tal-Unjoni fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom setgħat istituzzjoni. Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni ser tiffoka b'mod partikolari fuq:

- (a) L-appoġġ għall-proċess tat-tkabbir u l-parteċipazzjoni fil-politika tal-preadeżjoni tal-Unjoni;
- (b) L-appoġġ għall-politika tal-viċinat; l-iktar permezz tal-pjattaformi istituzzjoni stabbiliti bħall-ARLEM (Assemblea Lokali u Reġjonali Ewro-Mediterranja) u l-CORLEAP (Konferenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għas-Shubja tal-Lvant);
- (c) Il-promozzjoni tad-demokrazija lokali u reġjonali f'pajjiżi terzi (b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-viċinat), l-iktar permezz tal-monitoraġġ tal-elezzjonijiet fil-livell lokali u reġjonali;

- (d) L-appoġġ tal-politiki u l-pożizzjonijiet tal-Unjoni bħala osservatur fil-konferenzi internazzjonali dwar l-oqsma ta' politika li jikkonċernaw ukoll id-drittijiet obbligatorji tal-Kumitat li jiġi kkonsultat;
- (e) L-iżvilupp u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni deċentralizzata; l-iktar permezz tal-appoġġ kontinwu komuni għall-ATLAS, il-Portal u l-Assizes tal-kooperazzjoni deċentralizzata għall-iżvilupp;
- (f) Il-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-viċinat.

V. IL-POLITIKA TAL-INFORMAZZJONI U L-KOMUNIKAZZJONI

26. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jaħdmu id f'id fil-qasam tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni u jikkoperaw biex jimplimentaw politika ġenwina ta' komunikazzjoni deċentralizzata fil-livell lokali u reġjonali. Huma jagħrfu r-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali billi jiaprovdū l-pubbliku b'informazzjoni dwar il-politiki tal-Unjoni.

27. Il-Kummissjoni u l-Kumitat jikkooperaw b'mod partikolari fl-organizzazzjoni ta' fora u avvenimenti rilevanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huma jikkontribwixxu għall-kopertura konġunta ta' dawn l-attivitajiet fil-mezzi tax-xandir.

28. L-isforzi komuni għall-komunikazzjoni ser jiġu stabbiliti u aġġornati fuq bażi regolari.

- Huma ser jiffokaw b'mod partikolari fuq:
- kooperazzjoni bejn l-ufficċċi ta' rappreżentanza tal-UE fl-Istati Membri u l-membri tal-Kumitat biex jappoġġjaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni reċiproka fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-appoġġ sabiex jiġu żviluppati attivitajiet immirati lejn il-meżżi tax-xandir lokali u reġjonali kif ukoll sinerġiji mtejba mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tar-rappreżentanti eletti fil-livell lokali u reġjonali;
- il-kooperazzjoni fil-qasam tal-opinjoni pubblika permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u kumenti dwar l-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' interess għall-Kumitat u/jew permezz ta' sħarriġ tal-Ewrobarometru b'dimensjoni lokali u/jew regionali kulfejn possibbli;
- il-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp ta' għodod bħas-siti tal-internet u newsletters fil-kuntest tal-Kumitat Editorjali Interistituzzjoni għall-Internet biex jiġu żviluppati mezzi għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni mal-pubbliku inġenerali.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni Ewropea

José Manuel BARROSO

Il-President

Għall-Kumitat tar-Reġjuni

Mercedes BRESSO

Il-President

III

(Attī preparatorji)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2012/C 102/03)

Dokument	Parti	Data	Titolu
<u>COM(2011) 739</u>		9.11.2011	Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea
<u>COM(2011) 740</u>		9.11.2011	Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea
<u>COM(2011) 742</u>		9.11.2011	Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi propriji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-htigġiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid)
<u>COM(2011) 832</u>		25.11.2011	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex joqogħdu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabru komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu joqogħdu legalment fi Stat Membru

Dawn it-testi jinsabu fuq EUR-Lex: <http://eur-lex.europa.eu>

Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2012/C 102/04)

Dokument	Parti	Data	Titolu
<u>COM(2011) 688</u>		27.10.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-aktivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore
<u>COM(2011) 690</u>		27.10.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterranean mit-tnejgis ikkagħiġi mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu
<u>COM(2011) 706</u>		9.11.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixi programm ta' azzjoni għad-dwana u t-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (FISCUS) u r-revoka tad-Deċiżjonijiet Nru 1482/2007/KE u Nru 624/2007/KE
<u>COM(2011) 707</u>		9.11.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020
